Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Numru 263/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Pierre Micallef Grimaud)**

**vs**

**Gide Idris Mahder ta' 27 sena, iben**
**Gide u Nigisti, mwieled l-Eritrea**
**fl-1 ta' Jannar, 1978 u residenti gewwa l-Marsa**
**Open Centre, Xatt il-Mollijiet, Marsa**
**detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru**
**31836A**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Gide Idris Mahder li gie akkuzat talli fis-17 ta' Marzu, 2006 ghall-

habta ta' 12.50 a.m. gewwa il-Furjana, ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Vanessa Herries, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u dan bi ksur ta' l-artikolu 41(1) u 207 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku, u dan bi ksur tal-artikolu 209 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostani ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe offiza ta' natura hafifa fuq Vanessa Herries skond ma ccertifikaw it-tobba Dr Malcolm Borg u M. Cordina MD mill-Isptar San Luqa u dan bi ksur tal-artikolu 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-ammissjoni minnu registrata fi stadju bikri ta' l-interrogatorju.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena.

Rat il-fedina penali li hija ghal kollox netta.

Qeghda fuq ammissjoni ssibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti wara li rat l-artikoli 41, 207, 209 (li huwa kompriz u nvolut fl-ewwel akkuza) kif ukoll l-artikolu 221 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kapitlu 9.

Tqis in vista ta' dak premess li m'ghandux ibati piena karcerarja effettiva pero' in vista tas-serjeta' ta' l-akkuzi qeghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt xhur sospizi ghal sena wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------